MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 1950/2005

Ernest Rossi ID 93745(M)

Vs

Carin Construction Limited C-12194

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2005, fejn gie premess illi l-attur kien qabbad lis-socjeta` konvenuta taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq il-bejt tal-fond, ossia blokk appartamenti fi Triq Natalie Poutiatin Tabone, tas-Sliema. Fil-kors tax-xogholijiet, minhabba negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta, waqghu xi gebel kbar mill-bejt fuq imsemmi ghal ghand il-propjeta ta' Miriam Camilleri u kkagunaw danni ammontanti ghas-somma ta' LM440.90 fil-fond tas-Sinjura Camilleri.

Illi nonostante illi l-attur talab lis-socjeta` konvenuta thallas dan l-ammont direttament lis-Sinjura Camilleri, din baqghet inadempjenti. Kien ghalhekk illi s-Sinjura Camilleri, tramite l-Avukat taghha, kitbet lil attur ghal-hlas tad-danni kagunati (Dok A) u l-attur sabiex jevita illi jibdew proceduri kontra tieghu, hallas l-ammont mitlub lis-Sinjura Camilleri permezz ta' bank draft (Dok B u Dok C).

Wara l-hlas, l-attur rega` kiteb lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas (Dok D u Dok E) izda kien kollu ghal xejn.

L-attur qieghed ghalhekk jitlob is-somma ta' Lm440.90 minghand is-socjeta` konvenuta in linea ta' danni kif ukoll l-imghax mid-9 ta' April 2005 sal-gurnata tal-hlas effettiv bir-rata ta' 80% fis-sena.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta illi hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta tal- 20 ta' Frar,2006 fejn gie eccepit illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li kien hemm xi negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta fil-kors tax-xogholijiet meta waqa` xi gebel mill-bejt ta' l-attur ghal fuq il-propjeta` ta' terzi.

Illi x-xogholijiet in kwistjoni kienu qed isiru mis-socjeta` konvenuta, skond il-pjanta lilha sottomessa mill-Perit inkarigat mill-attur u taht id-direzzjoni u supervizzjoni ta' l-istess Perit.

Bla pregudizzju, l-ammont tad-danni qed jigi kontestat.

Sema` x-xhieda u ra d-dokumenti kollha prodotti.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007 gie dikjarat illi kien hemm possibilita` ta' transazzjoni.

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2007 it-Tribunal gie mgharraf illi t-transazzjoni ma kinitx sehhet, u l-kawza thalliet ghall-provi tas-socjeta` konvenuta.

Ra illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma` ressqet ebda provi – anzi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2007 Dr Paul Gauci Maistre ghas-socjeta` konvenuta ddikjara illi "*s-socjeta` konvenuta kienet ser taffettwa pagament skond kif miltub fl-Avviz*".

Ra illi fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2007 gie verbalizzat illi l-hlas ma kienx sehh u l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi t-talba attrici giet sostanzjata bix-xhieda ta' l-attur Ernest Rossi, Dr Antoine Naudi, Dr Lennart Depasquale u l-Perit Dennis Camilleri.

Illi minkejja r-risposta tas-socjeta` konvenuta, fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2007 gie dikjarat mid-difensur tas-socjeta` konvenuta illi l-istess socjeta` konvenuta kellha taffettwa l-hlas "*skond kif mitlub fl-Avviz*".

Illi b'zieda max-xhieda u l-provi prodotti ta' l-atturi, allura t-Tribunal iqis wkoll din id-dikjarazzjoni ta' ammissjoni.

Illi di piu` s-socjeta` konvenuta ma' ressqet ebda provi.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ghalhekk, it-Tribunal ma` ghandu ebda dubbju illi t-talba attrici ghanda tigi akkolta.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konventa, jilqa` t-talba attrici u jordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf u sebgha u ghoxrin Euros u zewg Euro cents (€1027.02) ekwivalenti ghal erba' mija u erbghin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm440.90) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------